MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1943/2003

**A.T.G Co. Limited**

**vs**

**Joe George Micallef**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u tletin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm334.38) rapprezentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq ordni tieghu stess u dan kif jirrizulta mill-fatturi mmarkati bhala Dok. A sa E.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pafament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni. L-ispejjes jinkludu dawk tal-ittra bonarja datata

7 ta’ :Lulju 2003 u tal-ittra ufficjali datata 20 ta’ Awissu 2003.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ta’ tlett mija u erbgha u tletin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm334.38), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------